# Il-Ħuttafa

Numru 134

Mejju - Ġunju 2016




€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

**Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf






Desirée Falzon

Siġra tal-pekan
Pecan nut tree
*Carya illinoiensis*

mill-editur

Ftit ilu rajt binja ġdida qed tinbena. Blokk enormi tal-konkos f'tarf ta' raħal. Sibt wieħed li jmexxi x-xogħlijiet u peress li kien bil-brejk mort inkellmu. Ta' naturalist li jien, staqsejtu l-post kienx ħa jkollu ġnien. Ħares lejja qisni staqsejtu fejn ġejja l-vaska tal-kukkudrilli!

"Le ħi, xi ġnien hu!" fl-aħħar wiġibni, "M'hawnx post għal ġonna."

Ħarist madwari. Rajt medda kbira art vojta kollha mqallba.

"Imma hawn ħafna spazju," għedtlu.

"Dak ġej parking għal mitejn karozza, ħi."

Urejtu strippa wiesgħa ġejja għad-dawra "U din?"

"Din ġejja r-*ring road*"

Bdejt naqta' qalbi "Allura ħdura xejn?"

"Mela le. Hemmhekk, ara."

Ħarist fejn qalli. Rajt strippa dejqa maċ-ċint ta' barra.

"Imma dik dejqa wisq," għedtlu, "Hemm lanqas siġra ma tikber."

"Le ħi, x'siġar siġar! Is-siġar huma diżastru."

"X'jiġifieri?" staqsejtu, skantat. Qatt ma kont smajt min jiddeskrivi s-siġar bħala diżastru.

"Ovvja, għax is-siġar jgħattu d-dehra sabiħa tal-bini."

Ħsibtu qed jiċċajta imma ma kienx. U ma ridtx immerih għax kien fih daqsi darbtejn. Gemgimtlu grazzi u ħallejtu jkompli l-ħobża biż-żejt.

Nispera m'hawnx ħafna jaħsbuha bħalu għax Malta deżert inġibuha.

Nawguralkom vaganzi sbieħ!

Victor

**Victor Falzon** L-Editur




Għin lin-naħla. Għodd in-naħal kollu li ssib f'dil-ħarġa u ikteb it-total hawn:

BirdLife MALTA

# Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Il-ġonna | 4-5 |
| Attività | 6 |
| Bebbuxu battal | 6 |
| Ħajjithom mal-mewġ | 7 |
| It-tniġġis | 8 |
| Il-wiża' | 9 |
| L-Imġiebaħ u Tal-Miġnuna | 10-11 |
| Is-Salina | 12 |





Victor Falzon

# Kittieba

Sean Bonello, Elisabeth Conrad, Desirée Falzon, Victor Falzon

# Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena.

# Kuntatt

tel **21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

Reg.Vol.Org. VO/0052

© BirdLife Malta, Ġunju 2016
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Aron Tanti

**Merill** (blue rock thrush *Monticola solitarius*)
Il-Maltin ilkoll nafu bih u nagħrfuh għax huwa l-għasfur nazzjonali tagħna. Jgħix qalb l-irdumijiet u jbejjet fi xquq fis-sisien, kultant anke fis-swar, basta f'postijiet imwarrbin. L-għanja tiegħu ssaħħrek!

# il-kokka bil-bejta




Fit-23 April 2016 membri tal-BirdLife u l-Falko kienu berdwoċing f'Kemmuna. Ftit wara nżul ix-xemx lemħu għasfur stramb u bilkemm riedu jemmnu x'qed jaraw: kien ferħ ta' kokka tax-xagħri li kien kważi wasal biex [1]itajjar.

Dari l-**kokka tax-xagħri** (short-eared owl) kien tbejjet regolari f'pajjiżna. L-aħħar bejta li nafu biha kienet fl-1983 imma kien sfrattaha kaċċatur meta qatel wieħed mill-par. Tgħid wara 30 sena tgħallimna biżżejjed biex inħallu l-kokka trabbi familja f'artna?


Dustin Balzan

# il-bies bil-bejta

Dari l-**bies** (peregrine falcon) kien ibejjet regolari fil-Gżejjer Maltin imma sas-Snin Sebgħin kien kważi nqered. Fil-fatt wara l-1982 l-bies ma baqax ibejjet f'pajjiżna kull sena.

Imma f'dawn l-aħħar snin xi par jew tnejn reġgħu qed ibejtu mal-irdumijiet tal-Punent u n-Nofsinhar ta' Malta u Għawdex. Din is-sena jidher li kien hawn sa tliet pari bil-bejta. Kemm eżatt u kemm kellhom frieħ diffiċli tgħid għax il-bies ibejjet fi xquq f'sisien wieqfa li jagħtu għal fuq il-baħar u diffiċli tosservahom.


Dustin Balzan

# l-ispanjulett bil-bejta

L-**ispanjulett** (common kestrel) huwa seqer żgħir u komuni fil-passa tar-rebbiegħa u l-ħarifa. Dari kien ibejjet regolari fis-swar u l-irdum imma t-tfixkil mill-bniedem (speċjalment kaċċaturi) ma ħalliehx jibqa' jbejjet fil-kwiet.

F'dawn l-aħħar snin però xi pari bejtu b'suċċess, l-iktar f'Għawdex. Dir-rebbiegħa biss biss par spanjuletti fl-inħawi ta' Mġarr ix-Xini bejtu u [1]tajru mill-inqas tliet frieħ.



Grazzi lill-ħabib tagħna Ray Galea għat-tagħrif.

[1]**tajjar.** Meta ferħ ta' għasfur jikber biżżejjed biex jitgħallem itir.



Aron Tanti

L-**għasfur tal-bejt** jadatta għal ħafna ħabitati imma l-ġonna huma fost il-favoriti għaliex isib ikel, kenn u anke post għall-bejta f'xi ventilatur viċin.



Desirée Falzon

Il-**farfett tal-ħurrieq** ibid fuq il-ħurrieq biex meta jfaqqas ix-xagħat jiekol il-weraq ta' din il-pjanta. Il-friefet isoffu n-nektar tal-fjuri b'ilsienhom li jkun qisu tubu rqiq.



Victor Falzon

F'ġonna li għandhom vaska spiss tara l-**mazzarelli**. Dawn jaqbdu l-insetti b'saqajhom waqt li jtiru. Ibidu fl-ilma, fejn iż-żgħar tagħhom jgħixu sakemm jikbru u jrabbu l-ġwienaħ.





Desirée Falzon

Ħoss li tisma' f'ħafna ġonna fil-ħarifa huwa t-tektika tal-**pitirross**. Dal-għasfur territorjali ma jħallix pitirrossi oħrajn jersqulu lejn il-ġnien "tiegħu", fejn jiekol u fejn jgħaddi x-xitwa sa ma jpassi fir-rebbiegħa.



Victor Falzon

Fittex taħt il-qsari jew xi ġebla kbira u ssib il-**ħnieżer l-art**. Dawn l-annimali jieklu fdalijiet tal-pjanti u huma miksijin b'qoxra iebsa. Meta jkunu fil-periklu kapaċi jsiru ballun u b'hekk ikunu protetti.



Desirée Falzon

Ambjenti u Residenti

# Ġonna

Desirée Falzon


Aron Tanti

Il-**bufula sewda** tfittex il-ġonna għax tħobb siġar baxxi u arbuxxelli, fejn issib frott, insetti u kenn. Ġnien b'arbuxxelli folti huwa ħabitat perfett biex tbejjet fih.

Il-ġonna huma ħabitat importanti fil-gżejjer żgħar tagħna. Minbarra li joffru kenn u għixien għal ħafna annimali, il-ħdura ttaffi r-rifless tax-xemx fuq il-bini u tnaddaf l-arja, waqt li l-ħamrija tassorbi l-ilma tax-xita. Il-ġonna jistgħu jkunu ftit mill-postijiet fejn l-insetti jsibu fjuri u pjanti bla bexx. U fejn issib l-insetti issib iktar ħajja, bħal għasafar u rettili. Fir-ritratt jidher il-ġnien tal-**Iskola Sekondarja tal-Imrieħel** fejn l-istaff indunaw li l-ambjent tal-iskola jkun iktar b'saħħtu bi ġnien bi pjanti indiġeni. Fir-Renju Unit kważi 90% tad-djar għandhom ġnien. F'Malta wkoll hawn ħafna djar bil-ġonna imma flok ngħożżuhom spiss qed nordmuhom bil-patios u bil-pixxini. Forsi la tikbru intom iddawru r-rota lura u terġgħu ddaħħlu l-ġonna!


Desirée Falzon

Ħares fil-viċin lejn zokk ta' siġra u taf tara qisu tapit ta' qxur żgħar ċatti jikber fuqha. Dawn huma **likeni**, organiżmi magħmulin minn alga u fungus li flimkien kapaċi jgħixu f'postijiet diffiċli.


Victor Falzon

Is-**seffud tat-terrapien** tarah għaddej mgħaġġel fuq il-wiċċ tal-ħamrija. Kapaċi jħaffer fil-ħamrija biex isib għeruq tal-pjanti għall-ikel.


Aron Tanti

Il-**wiżgħa tal-kampanja** tistaħba bi nhar fi xquq fil-ħitan u qalb pjanti mxebilkin mal-ħajt, u filgħaxija toħroġ tikkaċċja l-insetti. Kapaċi tiġri b'ħeffa kbira mal-ħitan.



Fuq il-wiżgħa hemm iktar f'paġni 9.

Aron Tanti



# Appuntament mac-ċief

Kif nagħmlu kull sajf, ħa norganizzaw xi ħarġiet bil-lanċa biex immorru ngawdu ftit il-kumpanija tal-ħbieb tagħna ċ-ċief, filwaqt li naraw ix-xemx nieżla wara s-sisien ta' Għawdex. Din esperjenza kważi maġika li min għadda minnha jerġa' jiġi. Għalhekk jekk tixtiequ tiġu aħsbulu kmieni għax il-postijiet jinħatfu (ftakru li n-numru ta' nies fuq lanċa huwa limitat). Isa, għax iċ-ċief qed jistenna!

**data**
il-Ġimgħa 22 ta' Lulju 2016
is-Sibt 23 ta' Lulju 2016
**prezz**
membri - kbar €7, żgħar (-14) €5
jekk mhux membri - kbar €10, żgħar (-14) €6
Biex tibbukkjaw u għal aktar dettalji ibagħtu imejl lil events@birdlifemalta.org



Minħabba sigurtà, tfal taħt il-5 snin ma jistgħux jittellgħu fuq il-lanċa. Tfal taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir. Grazzi tal-koperazzjoni.

Jekk il-baħar idardarkom tieklu xejn sa 3 sigħat qabel il-ħarġa.

# bebbuxu battal

Jekk tkun f'xatt il-baħar u tara bebbuxu vojt, bħal dan



Victor Falzon

iċċekkja sew



...għax jista' ma jkunx vojt xejn!

Victor Falzon

L-annimal fir-ritratt mhux bebbuxu imma granċ li jgħix f'qoxra vojta ta' bebbuxu. Bl-Ingliż jgħidulu hermit crab. **Bil-Malti x'jgħidulu?**

- ☐ bebbuxu tal-granċ
- ☐ granċ tal-bebbuxu
- ☐ granċ eremit

Tweġiba f'paġna 8

# Ħajjithom mal-mewġ

Il-baħar mhux biss ambjent tal-ħut. Ħafna għasafar ukoll tgħallmu jgħixu f'dan l-ambjent diffiċli. Imma f'xi żmien tas-sena l-għasafar kollha jridu jitilgħu l-art għax il-bejta ma jistgħux jagħmluha fil-baħar! Fil-Gżejjer Maltin ibejtu erba' speċi ta' tajr tal-baħar. Hawn huma...

Iċ-ċiefa, il-garnija u l-kanġu kollha bajda waħda jbidu.



**Ċiefa**
Scopoli's shearwater
*Calonectris diomedea*

Joe Sultana

Fix-xitwa xi ċief Malti jpassi sal-Oċean Atlantiku tropikali.

Kull sena fuq Filfla jbejtu mas-7000 par ta' Kanġu.



**Kanġu ta' Filfla**
European storm-petrel
*Hydrobates pelagicus*

John J Borg



**Garnija**
Yelkouan shearwater
*Puffinus yelkouan*

John J Borg

F'Malta jbejtu 10% tal-garni kollu tad-dinja!

Il-gawwija prima hija l-ikbar għasfur li jbejjet f'Malta.



**Gawwija prima**
Yellow-legged gull
*Larus michahellis*

Aron Tanti

Il-gawwija prima tbid 2 jew 3 bajdiet.

Il-BirdLife ilha 50 sena tistudja t-tajr tal-baħar u saret esperta sew fuq il-ħajja u d-drawwiet ta' dawn l-għasafar. Ftit ġimgħat ilu beda proġett ġdid ta' studju, jismu **Life Arċipelagu Garnija**. Bis-saħħa tiegħu rridu ngħinu l-garnija ma tibqax tonqos minn Malta, mill-Mediterran u mid-dinja.



Sean Bonello

# Tniġġis

## X'ikun?

Il-kelma *pollution* nisimgħu u naqraw dwarha spiss, u l-maġġoranza nafu li din tfisser it-tniġġis tal-ambjent. Dan it-tniġġis jiġi minn *pollutants* li spiss huma kimiċi li jikkontaminaw l-elementi tan-natura. Imma mhux dawn biss, għax it-tniġġis jieħu diversi forom

## Tniġġis tal-arja

Dan it tip ta' tniġġis hu l-iktar komuni u l-iktar perikoluż għall-ambjent. Hemm ħafna oġġetti u attivitajiet tal-bniedem li jikkawżawh, fosthom karozzi, fabbriki, *power stations* u ħruq ta' ħafna materjali differenti, fosthom materjal tossiku.

## Tniġġis tal-ilma u l-ħamrija

Dan jiġri l-iktar meta jixxerrdu pestiċidi fin-natura. Pestiċidi huma kimiċi li jintużaw fir-raba' biex jitnaqqsu l-insetti li jieklu prodotti agrikoli. Dan qed iwassal għal kontaminazzjoni tal-ilma naturali.

Fattur ieħor hu r-rimi ta' skart industrijali fin-natura. Skart industrijali, speċjalment skart radjuattiv, huwa perikoluż immens u qed ikun kaġun ta' tniġġis ambjentali li jaf jieħu eluf ta' snin biex jittaffa.

## Tniġġis minn dawl u storbju

Dan it-tip ta' tniġġis ma jinvolvix kimika jew dħaħen. Meta jinxteħet ammont kbir ta' dawl għal skopijiet industrijali u kummerċjali, bħal bilbords, riklami, kunċerti, eċċ., dawn inaqqsu mid-dlam naturali li suppost ikun hemm meta tinżel ix-xemx.



Matthew Borg Cardona

**Tniġġis mid-dawl**
Dwal minn Buġibba, il-Qawra u San Pawl il-Baħar jixegħlu s-sema bil-lejl. Dawn id-dwal max-xatt spiss ifixklu lit-tajr tal-baħar, bħaċ-ċief u l-garni.

Min-naħa l-oħra, tniġġis mill-istorbju hu dak l-effett minn ħafna ħsejjes qawwija li jfixklu l-ħemda, u anke lilna l-bnedmin jaffettwana.

Fuq *global warming* ara *Il-Ħuttafa* 132

## X'effetti għandu t-tniġġis?

L-ambjent hu l-ewwel vittma mit-tniġġis ta' kull forma, speċjalment dak fl-arja u fl-ilma. Iż-żieda fid-[1]diossidu tal-karbonju fl-atmosfera jaffettwa kemm ix-xemx tolqot id-dinja u minħabba fih qed tinbidel il-klima tad-dinja (*global warming*). Il-klima taffettwa l-ħajja kollha fuq il-pjaneta.

It-tniġġis għandu effett fuq is-saħħa tagħna l-bnedmin. In-nuqqas ta' arja nadifa tikkawża problemi tan-nifs, fosthom ażma u kanċer fil-pulmun. It-tniġġis tal-ilma u tal-ħamrija jivvelena l-ikel u x-xorb u jikkawża mard fil-ġilda u organi oħrajn. It-tniġġis tal-ħamrija jwassal biex din ma tibqax fertili, u ħxejjex ma jikbrux jew ma jikbrux kif suppost. B'riżultat ta' dan, it-tniġġis jikkontribwixxi wkoll għall-*global warming*. it-tniġġis minn dawl u storbju jikkawżaw nuqqas ta' rqad, problemi fis-smigħ, u ħafna iktar.

## X'qed isir? X'jista' jsir?

Fuq skala ta' pajjiż qed jittieħdu diversi miżuri biex it-tniġġis tal-arja jitnaqqas, pereżempju l-*power stations* qegħdin jinqalbu għall-gass biex iħammġu inqas, u qed isir riċiklaġġ ta' skart domestiku u kummerċjali. Dawn qegħdin iħallu effett pożittiv ferm.

Anke fuq livell individwali aħna wkoll nistgħu nagħmlu ħafna. Apparti li nqajmu kuxjenza dwar is-sitwazzjoni, għandna naċċertaw li niġġeneraw l-inqas skart possibbli, nixtru apparat li juża inqas dawl (friġġijiet, *airconditioners*, TV, eċċ.) u ilma (magni tal-ħasil, eċċ.). Fejn nistgħu, nevitaw l-użu tal-karozzi, nużaw iktar trasport pubbliku. Għal kwalunkwe azzjoni għandna nżommu l-ambjent quddiem għajnejna u nfittxu dejjem li nkunu iżjed responsabbli.

[1]**diossidi tal-karbonju.** Gass li jintrema fl-atmosfera fid-dħaħen tal-karozzi u industriji ($CO_2$ fil-qosor)

**Jekk hemm xi suġġett ambjentali li tkunu tixtiquna niktbu dwaru, ibagħtulna imejl fuq il-huttafa@birdlifemalta.org**

Tweġiba għall-mistoqsija ta' p. 6: **granċ tal-bebbuxu.**


Victor Falzon

**Dil-wiżgħa tal-kampanja qed issaħħan żaqqha fuq lampa mixgħula!**
Kif iktar tista' tgħinha lampa mixgħula?

Tweġiba isfel.

# il-Wiża'

**Desirée Falzon**

L-isem xjentifiku ta' din huwa *Tarentola mauritanica* ...

Hemm nies jibżgħu mill-wiża' imma żgur mhux għax dawn jagħmlu xi ħsara. Anzi proprju bil-kontra, għax wiżgħa fid-dar tnaddfilna darna minn ħafna annimali li nqisuhom 'pests'. Pereżempju...




## Għandna żewġ speċi ta' wiża'

... u ta' din *Hemidactylus turcicus*.

### Il-wiżgħa tal-kampanja

### Il-wiżgħa tad-djar

Torqod binhar u toħroġ bil-lejl. Iżgħar u s-soltu iktar ċara minn tal-kampanja. Il-wiżgħa tal-kampanja wkoll tikkaċċja bil-lejl imma binhar spiss toħroġ tixxemmex fuq xi ġebla sħuna.


Guido Bonett

Minħabba li joħroġ bil-lejl, il-wiża' għandu għajnejh tajbin ħafna. Fil-fatt għajnejh idaħħlu dawl **350 darba iktar** milli jdaħħlu tagħna.


Victor Falzon



Victor Falzon

Il-wiża' għandhom leħen. Filgħaxija meta t-temp jisħon, tisma' xi waħda minn wara l-għamara sejra 'Qeqq... Qeqq...Qeqq'. B'dan juru lil xulxin fejn hu t-territorju tagħhom.



L-iktar kapaċità tal-għaġeb huwa l-mod kif wiżgħa jirnexxielha titla' tiġri ma' ħitan u soqfa bla ma taqa'. Għandha miljuni ta' qisu xagħar mikroskopiku ma' subgħajha li jgħinha teħel. Ix-xjenzati għadhom qed jistudjaw din il-kapaċità.

## Kif nista' ngħin lill-wiżgħa?

L-iktar ħaġa li tagħmel ħsara lill-wiża' f'Malta hija l-injoranza. Hawn min joqtolhom sempliċiment għax jarahom koroh. X'ħasra! Biex nirbħu din l-injoranza għandna nxerrdu l-interess fihom. Meta naraw wiżgħa mhux inwerżqu qisna boloh imma niggustawha u nqajmu eċitament dwarha, forsi niħdulha ritratt. Jekk naraw waħda fil-klassi nitolbu lill-għalliema jħalluna nfittxu dwarha fuq l-internet. B'hekk il-wiżgħa ssir mistiedna speċjali!

Il-wiżgħa hija
- [ ] amfibju
- [ ] mammiferu
- [ ] rettili
- [ ] insett

Tweġiba. Lampa mixgħula fid-dlam tiġbed lejha ħafna ħarifiet, ikel tajjeb u bnin għall-wiżgħa!




Desirée Falzon

Elisabeth Conrad

# L-Imġiebaħ u Tal-Miġnuna

## Fejn hu?



L-Imġiebaħ qiegħed ħdejn il-Mellieħa.

## Wieħed minn erbgħa

Forsi man-naturalisti l-Imġiebaħ huwa magħruf l-iktar għax huwa wieħed minn biss erba' siti f'Malta fejn baqa' fdal tal-foresta tal-**ballut** li xi darba kienet ħafna iktar mifruxa mal-Gżejjer Maltin. Dawn is-siġar, li għandhom mijiet ta' snin, kibru b'tali mod li l-parti ta' fuq tagħhom (magħrufa bħala l-*crown*) iffurmat medda waħda sħiħa (magħrufa bħala *closed canopy*), qisha saqaf. Din titfa' dell permanenti fuq l-art ta' taħtha u toħloq ambjent partikolari u umdu, li fih jgħixu speċi tipiċi tal-art tal-foresta, fosthom fungi u numru ta' insetti - inkluż speċi li ma jinstabu mkien iktar f'Malta.

Fost il-pjanti li jikbru f'dan l-ambjent hemm l-**alaternu**, il-**qarn il-mogħża** u l-**pajżana**. Il-qarn il-mogħża (bl-Ingliż *honeysuckle*) forsa tagħrfuha għax jeżistu varjetajiet tagħha li huma popolari fil-ġonna, b'riħa tfuħ ħafna. Il-pajżana wkoll faċli tingħaraf għax għandha l-weraq forma ta' qalb.

## Wieħed mill-akbar

Il-foresta però mhix l-uniku ambjent importanti f'dan is-sit Natura 2000. Is-sit fil-fatt jestendi fuq medda ħafna ikbar mill-masġar, u jiġbor fih widien u ambjenti varjati mal-kosta.




Victor Falzon

- xagħri
- steppa
- tafal
- xagħri tax-xatt
- siġar, arbuxxelli
- wied bil-qasab
- art maħduma
- bini, toroq

**Area tas-sit**
**176.47ha**








Natura 2000 hija sensiela ta' postijiet madwar l-Ewropa fejn in-natura hija protetta. B'kollox hemm iktar minn **27,300** sit Natura 2000, u **39** minnhom qegħdin f'Malta.



Fil-fatt dan huwa wieħed mill-akbar siti Natura 2000 tal-art li għandna f'Malta.

Il-ġeoloġija tvarja sew f'dawn l-inħawi. F'ħafna mis-sit, il-blat l-iktar komuni huwa l-qawwi ta' fuq imma nsibu wkoll meded ta' tafal max-xatt. Huwa minħabba din il-varjetà li hemm rikkezza kbira ta' flora u fawna, għax fuq blat differenti jiffurmaw ambjenti differenti. Insibu pereżempju RDUM MAL-BAĦAR, li fuqu jikbru pjanti tipiċi tax-xatt, bħax-**xorbett** u l-**limonju ta' Malta**. Fuq iż-ŻRIEŻAQ TAT-TAFAL insibu pjanti bħall-**ħalfa** u x-**xebb** (li hija endemika). Hemm ukoll RAMLA żgħira u pittoreska, jisimha r-Ramla tal-Imġiebaħ.

Fil-Wied tal-Imġiebaħ hemm meded ta' **ħarrub** u ta' **żebbuġ**. Hemm meded kbar ta' STEPPA, ħafna minnu raba' antik mitluq, u meded bix-XAGĦRI, fosthom il-Qortin ta' Għajn Żejtuna, fejn hemm waħdam mill-ikbar irqajja' ta' **ċistu roża** f'Malta. Mal-WIED jikbru wkoll speċi tipiċi ta' ambjenti bl-ilma, bħall-**bruka** u s-**siġra tal-virgi**. Hemm ukoll GĦAJN TA' ILMA, li għalih hu msemmi Għajn Ħadid.

Apparti li huwa sit Natura 2000, l-Imġiebaħ huwa wkoll Sit ta' Importanza Ekoloġika, Post ta' Valur Pajsaġġistiku Għoli, Riserva Naturali u Żona ta' Protezzjoni tas-Siġar. Din il-lista twila ta' titli forsi tagħtikhom idea ta' kemm huwa uniku dan is-sit!



Victor Falzon

Il-**pajżana** *Smilax aspera* tuża l-weraq u l-friegħi xewwikin biex tixxeblek ma' arbuxxelli u ċnut.



Desirée Falzon

Il-Ballut tal-Imġiebaħ



Desirée Falzon

**Iċ-ċistu roża** *Cistus creticus* iwarrad fir-rebbiegħa.



Victor Falzon

# Xaqq tama għas-Salina

**Is-Salina** hija wieħed mill-aħħar bwar salmastri li fadal f'pajjiżna. Il-bniedem ilu jbagħbas f'dal-post sa minn żmien ir-Rumani, u għal 400 sena kienet industrija tal-ġbir tal-melħ (għalhekk jismu s-Salina). Illum bil-bini u t-traffiku ħafna mill-ġmiel naturali ntilef. Imma f'xi partijiet ta' das-**Sit Natura 2000** għad hemm tama għan-natura, speċjalment issa li ħa tibda tieħu ħsiebu l-BirdLife.